iejtu ifittixni f'dik id-dalma, u jgħajjat dejjem: Mimì, Mimì!

Victor waqaf jismagħha tgħid b'nifisha maqtugħ. Lanqas ħarrek pass ieħor x'ħin 'il bogħod dehret toqba li tagħti għall-beraħ u nstemgħu bħal ħsejjes ta' roti tqal għaddejjin minn fuq is-saqaf tal-mina. Huwa u Mimì waqfu jissemmgħu. Dawk il-ħsejjes baqgħu jikaxkru u jitmewtu. Ma laħqux meddew pass ieħor x'ħin leħħa minn lewn in-nir daħlet isserrep u taqsam id-dgħabien ta' dik id-dalma u waraj̣ha dwiet bħal damdima ta' tfaqqigħa fil-bogħod li riegħdet l-art u mbagħad ħsejjes ta' widien ta' ilma tax-xita.

— X'waħda din! Fejn ġejna?... Infittxu noħorġu minn hawn... Jien qel nibża'... Nistħajji̇ni dieħla fl-Infern! Nerġgħu lura, Victor; jien ma rridx nimxi iżjed" — bdiet titolbu bir-rogħda fuqha Mimì.

— Issa għoddna wasalna; aħjar hawn inkella barra fil-beraħ. Din taqliba tal-ajru; tgħaddi malaj̣r; ma ndumux ma naslu f'tarf il-mina — weġibha b'leħħa kbira Victor, fil-waqt li għenha titkaxkar b'idejh ix-xelugija mħaddna ma' qaddha.

— Nifsi qtajtu... riġlejja kesħu — issoktat tgħid l-oħra b'leħinha maqtugħ.

— Kuraġġ, Mimì... ftakar li għandek lil Victor miegħek... taqtax qalbek, dalwaqt naslu...

— Min jaf il-mamà... min jaf il-papà... Alla jħares jafu fejn ġibtni...

— Għadu ma dalamx... għadu l-ħin... imxi — u Victor erħilu jiġbed u jkaxkar il-ġisem nofsu mejjet tal-maħbuba tiegħu sakemm huwa u hi qorbu lejn il-fetħa ta' tarf il-mina, nifishom maqtugħ u b'rogħda fuqhom bħal dik ta' tnejn li qed jaħarbu xi waħx li kien madwarhom ihedded il-ħajja tagħhom.

Hekk kif waslu f'tarf il-mina u ġew fil-beraħ, l-ajru kien għoddu ssaffa u l-aħħar dija tax-xemx tnemnem kienet turi fis-sema qtajja' ta' sħab nieżel lejn ix-xaqliba tax-xlokk tal-Gżira. Minn ġol-ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi taż-żewġ naħiet tal-mogħdija l-qadima tal-ferrovija kienu neżlin gliegel tal-ilma tax-xita mix-xaba' tal-art, u xi taqtira 'l hawn u 'l hinn kienet għadha tinħass traxxax fl-ajru.

Victor u Mimì ħadu nifs qawwi u ntelqu fuq ġebla kbira mal-hajt ta' xifer il-fetħa tal-mina b'idejhom imgeddsin ma' ta' xulxin, b'xufftejhom jitriegħdu bil-bard u b'rashom imgħaddsa, jistrieħu hemmhekk bħal żewġt irwieħ herġin mitlufa minn triq imwiegħra li minnha ma setgħux isibu tarf ta' triq li twassalhom dritt bis-sliem lejn darhom.

*
* *

*(Jissokta)*



# ĦERBA

*Ta'* OLIVER FRIGGIERI

*Lir-rev.du Victor Zammit McKeon*
*li jaf x'nebbaħni nikteb dawn il-versi.*

Għaddejja. Il-pass ftit tqil. Il-mixja għajjiena.
Għajnejha jiġru 'l hawn u 'l hinn f'tellieqa
ifittxu... u jħammru bid-demgħat li jinżlu
sal-ħofor ta' ħaddejha. L-wiċċ ma jisraq
u jħoll qalb ħadd. Laħamha, lewn ix-xemgħa,
tilef il-ġmiel u l-milja tal-imgħoddi.
Xufftejha ma jafux il-lewn tal-qrolla
li jafu tal-oħrajn. L-ilbies ta' fuqha
bla fasla ma jiġbidx għajnejn.

Għaddejja......

Tarbija qed titbandal fuq dirgħajha
u tħaddan għonqha. Żewġt itfal li f'wiċċhom
jinqara l-ġuħ u fil-kisriet t'għajnejhom
l-għatx tal-imħabba tat-tfulija, miexja
bla jafu fejn se jaslu, u b'idejhom
iġebbdu d-djul ta' min wellidhom.

Għala

uċuh l-ulied u wiċċha, sa mill-bidu
u sa min-nofs mixjet il-ħajja, tgħajbu
bid-dell tal-ġuħ u l-kruha? Għaliex il-faqar
fis-seklu tal-progress? Għaliex il-kesħa
tad-dnub webbset is-sħana tal-imħabba?
Għaliex l-ulied li b'tama jfittxu id oħra
ma jsibu xejn ħlief tarf id-djul ta' ommhom?

Jien naf għaliex. Il-bieraħ żewġt iġmamar
ħammru sabiħ f'ħuġġieġa. Minnhom tnisslu
ġamriet oħrajn. 'Mma f'daqqa l-ġamra l-kbira
taret 'il bogħod f'nar ieħor......

Qajla qajla

l-ħuġġieġa qiegħda tnin. Dalwaqt il-ħmura
tiswied u n-nar jintefa. In-nifs qed jonqos
**u mbagħad ma jibqa' xejn...... Irmied u ħerba......**